MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 242/2005/1

**Karl Francica**

**vs**

**Luke Piscopo u l-kjamati in kawza Anthony u Rachel McKay**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta’ elfejn u sitt mitt Lira Maltin, (LM2,600.00,0), rappresentanti l-prezz ta’ vettura tal-marka Renault 19 bin-numru tar-registrazzjoni FBP-568 akkwistatha mill-konvenut liema vettura ma kienitx tal-kwalita` pattwita stante illi din inbieghet u giet ikkonsenjatha minnu lill-attur bin-numru stampat fuq il-magna li ma jaqbilx man-numru hekk kif ikkwotat fuq il-`Vehicle Registration Document`,(“Log Book”), u liema vettura minhabba din ir-raguni giet sussegwentement elevata u mizmuma mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Bl-ispejjez, [inkluzi dawk tal-ittra legali datata 13 ta’ Jannar tas-sena 2005], u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 462/05 ipprezentat kontestwalment mal-prezenti Avviz u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi mid-data tal-bejgh u cioe` minn Mejju tas-sena 2004 sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-2 ta’ Gunju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici ma treggix stante illi a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap 16, ir-rimedju tax-xerrej f’kaz fejn isostni li oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita, u li, jew jitlob danni, jew li jitlob riduzzjoni fil-prezz;

2. Illi f’dan il-kaz, l-attur la talab likwidazzjoni tad-danni u lanqas riduzzjoni tal-prezz, izda rimborz tal-prezz imhallas u ghaldaqstant ir-rimedju mitlub ma jiffigurax fit-termini tal-Artikolu 1390;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma jirrizultax illi kien hemm xi ksur ta’ kwalita` pattwita;

4. Illi l-konvenut xtara l-karozza in bona fede minn terza persuna, certu Anthony McKay, u bieghha fl-istess kundizzjoni li xtraha, u ghaldaqstant ghall-fini tal-ekonomija tal-gudizzju, jehtieg li jigi kjamat fil-kawza l-istess Anthony McKay;

5. Illi l-konvenut ma jistax iwiegeb ghal xi haga jekk jirrizulta li fil-fatt in-numri ma jaqblux, li dwarha ma kienx konxju, u li ghaliha mhux responsabbli;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal datat il-21 ta’ Frar tas-sena 2006 li permezz tieghu, wara li semghet lir-rapprezentant legali tal-konvenut u lir-rapprezentant legali tal-attur ordnat il-kjamata in kawza ta’ Anthony u Rachel konjugi McKay;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza fuq indikati datata s-17 t’April tas-sena 2006 li permezz taghha ecceppew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta’ l-attur fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti bieghu l-vettura tal-marka Renault 19 targata FBP-568 lill-konvenut skond id-dokumentazzjoni relattiva;

2. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghal premess it-talba ta’ l-attur fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija guridikament insostenibbli stante li ma kien hemm l-ebda ingann da parti ta’ l-eccipjenti fil-konfront ta’ l-attur u/jew alternattivament fil-konfront tal-konvenut fil-bejgh tal-vettura in kwistjoni;

3. Illi inoltre l-eccipjenti bieghu l-vettura tal-marka Renault 19 targata FBP-568 lill-konvenut ghall-prezz ferm anqas mis-somma reklamata

mill-attur u minghajr pregudizzju kwalsiasi ammont ulterjuri ghas-somma li l-eccipjenti bieghu l-vettura lill-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut;

4. Illi in vista tas-suespost l-eccipjenti m'ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu s-somma reklamata mill-attur fl-avviz promotur;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fis-sena 2004 il-Pulizija kienet qed tinvestiga kazijiet ta' diversi vetturi li setghu kienu gew misruqa;

2. Illi tul dawn l-investigazzjonijiet il-vettura meritu ta' din il-procedura kif indikata fl-avviz promotur, instab li kellha n-numru taghha mibdul u allura kellha tigi elevata fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2004 mill-pulizija ghal aktar investigazzjonijiet;

3. Illi minn investigazzjoni aktar profonda rrizulta li l-vettura de quo kellha:

i. il-*"film-plate"* mhux f'postu;
ii. ix-*"chassis number"* kien stampat dirett;

4. Illi jirrizulta li l-attur kien xtara l-vettura de quo minghand Luke Piscopo, *"dealer"* tal-karozzi mill-Hamrun;

5. Illi lill-ufficcjal investigattiv kien irrizultalu li l-mama` ta' l-attur ma kienetx kuntenta li binha kien xtara din il-vettura ghaliex kienet taf li xi ftit tas-snin qabel, meta l-istess vettura kienet fil-pussess tal-kjamat in kawza kienet giet uzata f'xi celebrazzjonijiet tal-*"football"* tal-Belt u soffriet hsarat kbar u li anke kienet damet tara l-istess vettura mitluqa ghal diversi xhur;

6. Illi l-istess omm l-attur kienet taf ukoll li l-istess vettura kienet sussegwentement giet misruqa;

7. Illi l-istess omm l-attur informat ukoll lill-ufficjal investigattiv li kienet ukoll rat il-vettura de quo xi xhur ohra wara din id-data minghajr il-hsarat u d-daqqiet li kellha;

8. Illi l-kjamat in kawza kien xtara l-vettura de quo minghand is-socjeta` importatrici u ha pussess taghha fit-13 ta' Gunju ta' l-1995;

9. Illi fil-21 ta' Gunju ta' l-1997 l-istess kjamat in kawza kien irrapportaha misruqa minn San Giljan;

10. Illi f'Dicembru ta' l-1998 l-istess vettura inqalbet fl-isem Rachel McKay fejn inbidlilha wkoll in-numru ta' registrazzjoni skond il-ligi, (ara fol 23);

11. Illi n-numru tax-*"chassis"* jirrizulta li kien gie mibdul, (ara fol 23);

12. Illi l-vettura de quo ghadha fil-kustodja tal-pulizija peress li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-vettura de quo kienet ghand il-kjamat in kawza mis-17 ta' Dicembru ta' l-1998

sat-23 ta' Jannar tas-sena 2004 fejn kienet registrata f'isem Rachel McKay, (ara fol 25);

Illi sussegwentement kienet trasferita lil Luke Piscopo u fl-ahhar giet trasferita lil Karl Francica fit-12 ta' Mejju tas-sena 2004, (ara fol 25), wara li dan kien xtraha ghall-prezz ta' elfejn u sitt mitt Lira Maltin (LM2,600.00,0);

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni odjerna tirrigwarda l-validita` tal-kompra-vendita tal-vettura de quo mill-attur;

Illi jirrizulta li meta dan xtara l-vettura de quo sussegwentement irrizulta li din kienet manomessa f'parti delikata taghha;

Illi din il-manumissjoni ma tistax tigi protetta mill-qrati stante li konsegwenza ta' l-istess dik l-uberrima fide tant necessarja fin-negozju tkun distrutta b'konsegwenzi nefasti ghall-istess ambjent li fih isir in-negozju;

Illi ghalhekk din il-qorti tqis li xerrej ta' vettura normali hu tenut li jara li din tkun funzjonali u hu anke tenut responsabbli li jiehu xi espert biex jghinu fid-decizjoni;

Illi pero` fir-rigward tal-kaz odjern si tratta ta' mekkanizazzjoni mohbija li mhix ta' ordinarja esekuzzjoni li hi del resto formanti parti mill-istess identita` tal-vettura;

Illi xerrej ghaqli m'ghandux ukoll ikun responsabbli li jivverifika tali raggiri – altrimenti l-mala vita ssiba komda sew - bl-avall ta' l-istess operat gudizzjarju, haga li din il-qorti kif preseduta qatt ma tikkondona;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut ghandu jinghad li qed jistahba wara artikolu procedurali li jiddetermina x'tip t'azzjoni jkun rikjest fil-kaz indikat fl-istess artikolu;

Illi pero` hawn si tratta ta' frodi mohbi li jmur lil hemm mill-limiti ta' l-istess artikolu u li effettivament jissuperah;

Ikkunsidrat:

Illi fil-konfront tal-kjamat in kawza jinghad ukoll li l-operat taghhom mhux car u l-eccezzjonijiet taghhom qeghdin jigu kollha respinti;

Ghaldaqstant tenut kont tas-suespost filwaqt li takkolji t-talbiet ta' l-attur, tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tikkundanna lil Luke Piscopo biex ihallas lill-attur Karl Francica l-ammont ta' sitt elef u sitta u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu (€6,056.39), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-revoka taghha b'dawn l-aggravji”-

(1) Ir-rimedju kif koncepit mill-attur bl-azzjoni tieghu ma setax isegwi in kwantu hu ma talabx id-danni, kif hekk irid l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, imma r-rifuzjoni tal-prezz tal-vettura. F'dan il-kuntest l-appellanti jilmenta li l-ewwel Qorti skartat din l-eccezzjoni tieghu u ghaddiet biex tiffonda r-ragonament taghha fuq l-element tal-frodi pprattikat;

(2) Il-provi juru illi hu ma kkommetta l-ebda ksur tal-bona fede jew tal-lealta` u l-korrettezza fil-konfront ta' l-attur, anke ghaliex hu ma kienx xjenti tal-manumissjoni fil-magna tal-vettura;

Brevement hafna, il-fatti rilevanti li taw lok ghal kawza kienu dawn. F'Mejju 2004 l-attur xtara vettura tal-marka Renault minghand il-konvenut ghal liema hallsu l-prezz akkordat ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2600). It-trasferiment relattiv sehh fit-12 ta' Mejju, 2004 (ara xhieda ta' Brian Farrugia a fol. 25). Fl-1 ta' Dicembru ta' dik l-istess sena l-Pulizija elevat din il-vettura fuq suspett ta' tbaghbis fic-*chassis number* taghha. Sal-mument li fih xehed l-Ispettur Stephen Mallia (fol. 21) l-investigazzjonijiet kienu ghadhom *in korso*. Il-konvenut jistqarr (fol. 36) illi hu ma kienx konsapevoli minn irregolaritajiet fil-vettura u dan mill-mument li hu kien xtraha minghand l-imsejha fil-kawza sa dak tal-bejgh u trasferiment taghha lill-attur;

Premessi dawn il-ftit fatti, jirrizulta mill-att promotur ta' l-Avviz illi l-premessa tat-talba attrici, ghal liema intalab ir-restituzzjoni tal-prezz, hi bazata fuq in-nuqqas tal-kwalita pattwita, ossija li l-vettura komprata ma kienetx konformi mal-ftehim. Qaghda bhal din tinnecissita, bla dubju, dak ta' l-accertament jekk il-kwalita` mweghda kienetx essenzjali ghal dak l-uzu tipiku u normali ghal liema l-oggett mixtri hu ddestinat. Hekk, ad ezempju, fin-normalita` ta' l-affarijiet, vettura tinxtara biex tkun tista' bla xkiel tintuza mill-akkwirent taghha fic-cirkolazzjoni;

Fit-trattat tieghu "**La vendita e la permuta**" (Volume Settimo, Tomo Primo, Ed. 1972, para. 374 pagna 732) il-**Bianca** jirreferi ghal "*irregolarita giuridica del bene*". Dan fis-sens ta' "*non conformita del bene a prescrizioni giuridiche poste a tutela di interessi privati o* pubblici", u li jgib mieghu "*divieto di uso della cosa secondo la sua normale* destinazione". B'ezemplari jsemm l-kaz ta' "*mancanza, falsita o alterazione dei documenti legalmenti necessari per l'uso della cosa*";

Fil-partikolari, l-istess trattist jissokta jghid dan: "*Nella pratica giurisprudenziale ricorre il caso della vendita di autoveicoli con i numeri del motore o del telaio alterati e non corrispondenti alla carta di circolazione*". Filwaqt li in

linea ta' principju hi rikonoxxuta l-esigenza ta' tutela adegwata lix-xerrej, dik l-istess gurisprudenza tal-Qrati diversi fl-Italja kif senjalati mill-awtur mhux dejjem kienet wahda konsistenti u univoka ghal dik li hi l-interpretazzjoni guridika abbinata ma' dik il-qaghda. Hekk, gie ritenut, illi "*si tratterebbe di una prestazione di cosa radicalmente diversa da quella dovuta ('aliud pro alio')*" (**Cass. 7 ta' Gunju, 1967 numru 1263**). Hemm, imbaghad sentenza li affermat illi l-kaz propettat jitratta minn vendita "*di cosa altrui*" (**Trib. Avellino, 12 ta'; Lulju,** 1953) u ohra li kkwalifikat "*la non corrispondenza dei numeri del motore con quelli riportati sul libretto di circolazione come mancanza di qualita promessa"* (**Trib. Salerno, 19 ta' Frar,** 1949). Din id-diskordanza hi wkoll rispekkjata fid-duttrina legali fost l-awturi fejn insibu prospettat l-izball sostanzjali jew anke il-vizzju redibitorju;

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi, minghajr ma teskludi possibilitajiet guridici ohra, il-materja tista' tigi ben vizwalizzata fl-ipotesi tal-mankanza tal-kwalita, ankorke mhux espressament imweghda bejn il-kontraenti, ghar-raguni illi, fil-fattispeci, tonqos dik il-karatterisitika essenzjali li taghmel il-vettura mixtrija bhala wahda idoneja biex tintuza fic-cirkolazzjoni. Sa hawn lanqas ma jidher li dan hu hekk kontrastat mill-appellanti ghal dik li hi l-applikabilita` ta' l-Artikolu 1390 ghal kaz konkret. Dak li, invece, hu kwerelat minnu hu fis-sens li l-attur ma setax, imbaghad, bl-azzjoni kkontemplata b'dak l-artikolu javvanza b'oggett tat-talba r-restituzzjoni tal-prezz in kwantu dik id-disposizzjoni kienet takkordalu b'rimedju jew id-danni jew ir-riduzzjoni fil-prezz;

Ermenewtikament, ma jidherx li ghandu jkun kontrovers illi l-kelma "<u>danni</u>" ghandha tifsira aktar allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz. Dan johrog car sew fil-kaz ta' ksur ta' obbligazzjonijiet kontrattwali (Artikolu 1135, Kodici Civili) u sew ghal dawk extra-kontrattwali (Artikolu 1046. Kodici Civili). Dan ma jfisserx, imbaghad, illi d-"danni" ma humiex komprensivi tar-restituzzjoni tal-prezz jekk, bhal ma hu l-kaz hawnhekk, l-attur appellat kien

kuntent illi d-danni minnu pretizi jkunu limitati sal-konkorrenza tal-prezz minnu mhallas ghall-akkwist tal-vettura. B'daqshekk ma jigix li l-azzjoni ta' l-attur ghandha tfalli ghax ma ntuzatx fl-Avviz il-kelma preciza tal-ligi. Dan il-legalizmu esagerat propuls mill-appellanti mhux lanqas konfacjenti mar-regola ta' l-*equipollens* introdotta fil-gurisprudenza taghna, almenu mill-1873 'l hawn (ara **Kollez. Vol. VI pagna 442**). L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jitqies inattendibbli;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tarax li hu necessarju li tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni tat-tieni aggravju, anke ghaliex ma jidhrilhiex illi l-Qorti ta' l-ewwel grad kellha ghalfejn, fuq l-azzjoni kif proposta, u fil-parametri ta' l-Artikolu 1390, Kodici Civili, taddentra ruhha fi kwestjoni ta' bwona jew ta' mala fide.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, anke jekk ghal konsiderazzjonijiet alkwantu distinti minn dawk ta' l-ewwel Qorti. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------